MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 4/2009/2

**Victor Bezzina, Mario Bezzina, Anthony Bezzina, Sonia Bezzina, Mario Bezzina bhala mandatarju specjali ta' huh it-Tabib Charles Bezzina, assenti minn dawn il-Gzejjer; ilkoll ahwa Bezzina, ulied il-mejtin Joseph u Joan Bezzina**

**v.**

**L-Avukat Dr. Emanuel Bezzina, iben il-mejtin Joseph u Joan Bezzina**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu appell minn digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2010, mit-Tribunal ta' Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt. B'dan id-digriet gie deciz mill-imsemmi Tribunal li n-notifika tal-att promotorju lill-intimat Dr. Bezzina u li saret fit-3 ta' Dicembru 2009, saret ritwalment u validatament skont il-ligi. Dak it-Tribunal wasal ghal din id-decizjoni wara li qies l-oggezzjoni tal-intimat ghan-notifika li saritlu fi Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta u ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidra:-

“Illi l-konvenut Dr. Emanuel sive Emmy Bezzina qieghed, permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu, jeccepixxi, in linea preliminari, illi huwa ghadu ma giex notifikat skont il-ligi billi l-allegata notifika lilu saret fi Strada Stretta fid-disgha ta' filghodu (9.00am) nhar il-Hamis, tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u disgha (2009) fil-prezenza ta' terza persuna u li dan mhux il-lok li tiddetermina l-ligi fejn ghandhom isiru n-notifiki l-persuni li jkollhom jigu notifikati u, li per konsegwenza, din in-notifika ghandha tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux inforzabbli;

“Illi t-Tribunal f'dan l-istadju jidhirlu li ghandha tigi deciza din l-eccezzjoni ghaliex jekk huwa minnu dak li qed jissottomettu l-intimat, allura l-proceduri ma jistghux jitkomplew qabel ma l-istess intimat jigi notifikat ritwalment skont il-ligi; Jekk invece jirrizulta li tali notifika li saret lilu hija wahda valida skont il-ligi, allura l-proceduri kollha li saru sal-lum jistghu jipprosegwu wara li tigi michuda din l-eccezzjoni tal-allegata nuqqas ta' notifika;

“Illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2010, wara li t-Tribunal staqsa lill-intimat dwar x'inhija l-pozizzjoni tieghu fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, l-istess intimat qal li n-notifika tal-istess rikors promotur ma hijiex valida u li qed jinsisti fuq it-tieni eccezzjoni tieghu;

“Illi r-rikorrenti, tramite d-difensur taghhom, ghazlu li jittrattaw, seduta stante kif effettivament ittrattaw f'dik is-seduta mentri l-intimat, kif awtorizzat minn dan it-Tribunal, ipprezenta s-sottomissjoni tieghu bil-miktub fit-23 ta'

Settembru 2010 u ghalhekk issa dan it-Tribunal jista' jghaddi biex jiddeciedi dwar din it-tieni eccezzjoni tal-intimat;

"Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza dwar l-allegata nuqqas ta' notifika tirrisjedi principalment fl-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet illi l-Kapitolu 308 tal-Ligijiet jaghmel applikabbli ghall-proceduri quddiem dan it-Tribunal, partikolarment in virtu` ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 10 tal-istess Kap. 308 tal-Ligijiet;

"Illi l-istess Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet jipprovdi:

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha"*
"Illi s-sottomissjoni tal-intimat Dottor Emanuel Bezzina hi li n-notifika li saret lilu fit-3 ta' Dicembru 2009 saret fi Strada Stretta l-Belt Valletta u li dan ma huwiex wiehed mill-postijiet indikat fl-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u li ghalhekk, tali notifika hija invalida skont il-ligi;

"It-Tribunal f'dan l-istadju jirrileva wkoll illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2010 il-partijiet qablu li - bhala fatt - in-notifika tar-rikors promotur tal-proceduri li taw lok ghal din il-kawza effettivament veru sehhet kif isostni l-istess intimat u cioe` fi Strada Stretta l-Belt Valletta fil-jum u l-hin hemm indikat u ghahekk ma hemmx kontestazzjoni dwar dan il-fatt. Dak li ghandu jiddeciedi dan it-Tribunal invece huwa jekk tali notifika hija wahda valida skont il-ligi;

"Illi fil-fehma kunsidrata ta' dan it-Tribunal, l-imsemmi Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, jippreskrivi zewg modi ta' notifika u cioe`:

"1. <u>notifika diretta </u>lid-destinatarju, jew

"2. notifika indiretta tramite kunsinna lill-persuni specifici indikati u f'lok indikat fl-Artikolu 187 (1).

"Infatti, il-ligi stess hija cara fis-sens li tali "*notifika issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata*" – ergo notifika diretta – "*jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn.....*" – notifika indiretta;

"Illi dan jirrizulta wkoll li hu dak li gie abbracat fil-gurisprudenza taghna. L-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet: **"Alessandro Delhin vs Antonio Darmanin et" moghtija fid-9 ta' Novembru 1927, (Vol. XXVI – Part II – Pagna 498)** Irriteniet:-

*""da tale dispozizzione* (illum Artikolu 187 tal-Kap. 12)*, si desume esser duplice la forma legale della notificazzione di atti gudizziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si va` direttamente alla persona da essere notifikata, o quella per cui si va` indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero`, la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa e al servizzio della persona medesima"*

(*vide* ukoll f'dan is-sens, is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Civili – fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo Scerri vs Emanuel Portelli et tat-18 ta' Frar 1974**; is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri – fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Grace Farrugia vs Steven Farrugia et" fit-12 ta' Novembru 2003** u l-kawza deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri – fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Fenech et vs Raymond Mallia nomine" fit-28 ta' April 2003**;)

"Illi fil-fehma kunsidrata tat-Tribunal, meta l-intimat isostni li n-notifika li saret fi Strada Stretta fid-9.30am nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009, ma tikkwalifikax bhala n-notifika valida kif irid l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet stante li dan la huwa d-dar u lanqas il-post fejn jahdem l-istess destinatarju dan huwa korrett limitatament fir-rigward tal-procedura ta' notifika indiretta. Illi pero`, kif

gja inghad, l-Artikolu 187 (1) ma jipprovdix biss li notifika tista' ssir b'dan il-mod indirett imma wkoll b'mod dirett f'idejn il-persuna tad-destinatarju.

"Illi *ex* ad*missis* l-intimat isostni li n-notifika saret lilu personalment u ghalhekk saret in-notifika diretta kif trid il-ligi ai termini tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u cioe` fejn jinghad "*in-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata"* meta ikun hemm din il-forma ta' notifika il-kwalifika ta' lok ma tapplikax.

"Illi ghalhekk jidher illi dak kollu sottomess mill-istess intimat jista' jirreferixxi biss ghal xi difett fin-notifika fuq l-aspett biss ta' notifika indiretta tal-atti u mhux ta' notifika diretta illi hija wkoll notifika valida skont il-ligi kif jipprovdi l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet; Illi dana huwa ukoll konformi mal-hsieb tal-ligi li trid tassigura l-ewwelnett u qabel kollox u b'certezza li l-intimat, f'data partikolari, ikun ircieva l-att gudizzjarju destinat lilu. Mentri fil-kaz ta' notifika indiretta lil persuni li mhumiex l-istess intimat il-ligi tistrieh fuq presunzjoni *juris tantum* korrazzata b'rekwiziti specifici bhal dak tal-lok fejn tkun saret in-notifika, fir-rigward ta' notifika diretta permezz tal-kunsinna personali lid-destinatarju dawn ir-rekwiziti ma humiex necessarji biex joholqu xi presunzjoni legali.

"Illi r-rikorrenti mbaghad isostnu li gialadarba l-konvenut ipprezenta skritturi, huwa ssottometta ghall-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u kwalsiasi difett li kien hemm fin-notifika gie sanat u ma jistax jigi sollevat.

"Illi di piu l-istess Rikorrenti jkomplu jsostnu li l-intimat issottometta ruhu u issubixxa meta deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2010. Illi dan l-argument jista *prima facie* jidher li huwa sorrett b'riferenza ghall-gurisprudenza li interpretat bl-Artikolu 11 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet li jipprovdi li "*r-ritrattazzjoni ma hiex moghtija lill-persuna illi ma tkunx giet notifikata bl-atti ritwalment jekk dik il-persuna tkun dehret ghas-smiegh fil-kawza*". Kif inhu risaput, pero, jekk verament l-intimat ma jkunx gie notifikat, huwa ghandu kull dritt li jidher fl-istadju li fih isir

jaf bil-kawza u jiggustifika il-kontumacja tieghu. Ergo, mhux essenzjalment korrett l-argument li kull intimat li jidher quddiem il-Qorti ikun qed jissubixxi l-proceduri u jissana kwalsiasi difett fin-notifika jekk tali intimat fl-ewwel opportunita jissolleva u in-nuqqas ta' notifika lilu skont il-ligi u jeghleb b'success il-presunzjoni legali krejata mir-riferta li tkun fl-atti. Huwa biss meta l-intimat isir jaf bl-att wara s-sentenza li jista' imbaghad jaghmel uzu mir-rimedju moghti bl-Artikolu 11(B) tal-Kap. 12 tal-ligijiet.

"Illi pero`, kif fuq imsemmi, it-Tribunal gja rrizultalu li kien hemm notifika valida bhala notifika diretta kif jipprovdi l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet gialadarba l-Avukat Dottor Emmy Bezzina gie notifikat personalment u l-att tqassam f'idejn l-intimat mill-Marixxall tal-Qorti; Huwa car u manifest li b'effett mid-data tal-konsenja personali lilu tar-Rikors Promotor f'din il-kawza l-intimat gie pjenament a konnoxxenza ta' dak li kien qed jigi attribwit u dak li kien qed jintalab f'din il-kawza u l-istess intimat tempestivament fit-22 ta' Dicembru 2009 ipprezenta ir-Risposta tieghu.

"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt illi jichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat Dottor Emanuel Bezzina, jiddikjara li n-notifika li saret lill-istess intimat fit-3 ta' Dicembru 2009 saret ritwalment u validament skont il-ligi u jordna l-prosegwiment tal-kawza,

"L-ispejjez ta' dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali."

L-intimat appella minn dan id-digriet u, ghar-ragunijiet minnu premessi, qed jitlob, fost affarijiet ohra, li din il-Qorti tirrevoka u thassar l-imsemmi digriet u tqis bhala null dak kollu li sehh wara s-suppost notifika tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat qed jilmenta mill-fatt li n-notifika saritlu fi Strada Stretta, fid-9:30am, nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009, u dan peress li, skont hu, "f'nofs Strada Stretta m'huwiex il-lok li tiddetermina l-ligi ta' fejn ghandhom isiru notifiki lill-persuni li jkollhom jigu notifikati".

Din il-Qorti tqis dan l-argument frivolu u vessatorju, peress li l-ligi hi cara li tippermetti li n-notifiki jsiru kull fejn il-persuna li trid tigi notifikata tinstab. Din il-Qorti fil-kawza **Pace v. Makaw Ltd**, deciza fis-6 ta' April 2006, qalet dan b'mod car. Gie osservat illi:

*"Ghandu jinghad qabel xejn li ghal fini tan-notifika ta' att tal-Qorti lill-persuna fizika huwa assolutament immaterjali u ta' ebda relevanza fejn tkun ir-residenza ufficjali ta' dak li jkun. Infatti n-notifika ta' att ufficjali tista' issir f'idejn l-parti interessata f'kull lok fejn dan talvolta jkun jinstab, u r-residenza ufficjali ghandha biss relevanza inkwantu l-ufficjal inkarigat bin-notifika jista' jhalli l-att f'idejn membru tal-familja tal-istess persuna li ghandha tircievi l-istess att, li mhux il-kaz sottoezami."*

(Sottolinear ta' din il-Qorti)

Dan johrog car minn qari tal-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-gurisprudenza l-ohra li ghaliha ghamel referenza it-Tribunal fid-digriet tieghu.

Apparti dan, l-istess appell ghandu jitqies null peress li sar minghajr l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal kif jitlob l-Artikolu 229(3) tal-imsemmi Kap. 12, applikabbli ghat-Tribunal in kwistjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-intimat billi tichad l-istess u tikkonferma d-digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2010, mit-Tribunal ta' Arbitragg Dwar il-Qsim ta' Wirt.

L-ispejjez kollha marbuta ma' dan l-incident, inkluz dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu mill-intimat appellant, u peress li tqis li dan l-appell kien wiehed frivolu u

vessatorju, tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' spejjez doppji.

L-atti qed jigu rinvjati lil qabel indikat Tribunal ghall-kontinwazzjoni skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------